22003D0032

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 32/2003

ta' l-14 ta' Marzu 2003

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, testjar u ċertifikazzjonijiet tekniċi) u l-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll dwar l-Aġġustament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Il-Protokoll tal-Ftehim kien ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2002 tat-8 ta' Novembru 2002 ([2]).

(3) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali kif korretta bil-ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 71, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 dwar l-ewwel fażi tal-programm imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti bijoċidali ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1687/2002 tal-25 ta' Settembru 2002 dwar perjodu addizzjonali għan-notifikazzjoni dwar ċerti sustanzi attivi li ġ_ qegħdin fis-suq għal użu bijoċidali kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 għandhom jiġu adattati għall-finijiet tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 12m (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2592/2001 fil-Kapitolu XV ta' l-Anness II tal-Ftehim:

"12n. **398 L 0008**: Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 123, ta' l-24.4.1998, p.1), kif korretta bil-ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 71.

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 55.
([2]) ĠU L 19, tat-23.1.2003, p. 5.
([3]) ĠU L 228, tat-8.9.2000, p. 6.
([4]) ĠU L 258, tas-26.9.2002, p. 15.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-aħħar ta' l-Artikolu 11:

'L-inklużjoni, jew il-bidliet li jiġu wara l-inklużjoni, ta' sustanza attiva ta' l-Anness I, IA jew IB għandhom jiġu kkunsidrati wkoll meta applikant ikun bagħat id-dokument meħtieġ lill-awtorità kompetenti ta' waħda mill-Istati ta' l-EFTA, u l-awtorità kompetenti li tirċievi ta' dak l-Istat tkun bagħtet il-valutazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni.'

(b) Għall-Istati ta' l-EFTA, il-perjodu transitorju li għalih hemm referenza fl-Artikolu 16(1), għandu jkun għall-perjodu sa l-aħħar ta' l-14 ta' Mejju 2010.

(ċ) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-aħħar ta' l-Artikolu 28(1):

'L-Istati ta' l-EFTA għandhom jieħdu sehem sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat Permanenti, biss m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot. Ir-regoli interni ta' proċedura tal-Kumitat għandhom jiġu aġġustati biex tingħata effett sħiħ il-parteċipazzjoni ta' l-Istati ta' l-EFTA.'

12o. **32000 R 1896**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 dwar l-ewwel fażi tal-programm imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti bijoċidali (ĠU L 228, tat-8.9.2000, p. 6).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin, minbarra l-adattamenti għad-Direttiva 98/8/KE:

(a) L-Istati ta' l-EFTA u l-produtturi tagħhom għandhom jipparteċipaw fil-programm tax-xogħol ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE. L-Istati ta' l-EFTA jistgħu jiġu nominati skond l-Artikolu 7(5) bħala responsabbli għall-analiżi ta' sustanzi attivi skond dan il-programm.

(b) Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni dwar sustanzi attivi li ġ_ qegħdin fis-suq fl-Istati ta' l-EFTA fl-14 ta' Mejju 2000 mibgħuta skond l-Artikolu 3 paragrafu 1 qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tintegra dan ir-Regolament fil-Ftehim.

(ċ) Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni dwar sustanzi attivi li ġ_ qegħdin fis-suq fl-Istati ta' l-EFTA fl-14 ta' Mejju 2000 mibgħuta skond l-Artikolu 4 paragrafu 1 qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tintegra dan ir-Regolament fil-Ftehim.

12p. **32002 R 1687**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1687/2002 tal-25 ta' Settembru 2002 dwar perjodu addizzjonali għan-notifikazzjoni dwar ċerti sustanzi attivi li ġ_ qegħdin fis-suq għal użu bijoċidali kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000 (ĠU L 258, tas-26.9.2002, p. 15)."

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiżdied fil-Protokoll 37 tal-Ftehim:

"15. Kumitat Permanenti għal Prodotti Bijoċidali (Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)'"

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 98/8/KE, kif korretti bil-ĠU L 150, tat-8.6.2002, p. 71, u r-Regolamenti (KE) Nri 1896/2000 u 1687/2002, bl-Islandiku u bin-Norveġiż, li għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, basta li n-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew mgħoddija lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

Għall- Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.